


## *Ir-Rev. Dr Nicholas Doublet*

Grazzi, Eċċellenza, li qed tagħtini din l-opportunità sabiex nirrifletti anki fuq – kif diġà aċċennaw għaliha – ir-relazzjoni bejn il-Knisja u l-Istat fid-dawl tal-Kostituzzjoni tal-1921 u anki kif żviluppat fid-deċennji ta' wara.

"Ir-reliġjon ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana". Hekk għadha tgħid u tirrifletti l-Kostituzzjoni tagħna sal-lum, u din tajjeb ngħidu li kienet id-dikjarazzjoni prinċipali li l-Assemblea Nazzjonali ressqet hija u tiddiskuti l-abbozz fuq il-Kostituzzjoni fl-1919, kif bdew jiddiskutu l-abbozz tal-Kostituzzjoni.

Wara ħafna diskussjonijiet, kif ġie deskritt u anki studjat maġisterjalment – hawnhekk insellimlu – mill-Eċċellenza Tiegħu l-Monsinjur Arċisqof f'pubblikazzjoni li ħarġet is-sena li għaddiet u mill-Professur Grima, u anke mill-Professur Mangion hawnhekk preżenti, li kitbu lkoll fuq dan is-suġġett, l-Assemblea Nazzjonali aċċettat din id-dikjarazzjoni, li għadha tifforma parti mill-Kostituzzjoni tagħna; dikjarazzjoni li kienet issuġġerita minn ekkleżjastiku, mill-Mons. Panzavecchia, fit-tieni abbozz tal-Kostituzzjoni. Jidher ċar li din id-dikjarazzjoni – u hawnhekk dak li rrid noħroġ illum – ma teskludi bl-ebda mod dak li tant hu għażiż għalina: il-

prinċipju tat-tolleranza. Dan kien f'moħħhom b'mod ċar, u anki l-għarfien tad-dritt għal-libertà tal-kuxjenza u tal-kult.

Tajjeb li nifhmu eżattament, l-ewwel nett, is-suġġetti li qegħdin nitkellmu fuqhom, il-Knisja kif kienet tifhem lilha nnifisha vis-à-vis l-Istat, għaliex dan se jiddetermina anki l-mod kif il-Knisja u dawk li kienu involuti – mhux il-Knisja biss; dawk kollha li kienu involuti, il-Maltin – tirrifletti fuq x'kienu qed jifhmu b'tolleranza. Il-mudell ekkleżjoloġiku li l-Knisja kienet qiegħda taħdem bih fir-relazzjoni tagħha mal-Istat – mudell li jiżviluppa matul l-istorja kollha tal-Knisja li jista' jinkwadra dejjem din ir-relazzjoni bejn Knisja u Stat, sa mill-bidu, imma b'mod partikolari fis-seklu 19 – kien dak ta' "soċjetà perfetta". Il-Knisja tqis lilha nnifisha bħala "soċjetà perfetta". Huwa mudell ġuridiku. X'nifhmu bih? Jiġifieri l-Knisja tqis lilha nnifisha li għandha ġo fiha dak kollu li hu essenzjali biex tilħaq l-iskopijiet tagħha, u għalhekk qed tirrelata ma' "soċjetà perfetta" oħra, l-Istat, fuq livell ta' ugwaljanza. Huwa mudell li jiżviluppa tul is-seklu 19 fil-forġa tal-inkwiet li l-Knisja kellha, anki l-persekuzzjoni li affaċċjat mill-Istat f'ambjenti oħra, f'pajjiżi oħra, u għalhekk f'kuntest ta' liberaliżmu pjuttost aggressiv li pprova jimponi separazzjoni ostili li l-Knisja sofriet mhux biss fid-drittijiet tagħha imma anki fil-persuni li jiffurmaw il-Knisja u l-mod kif tista' teżerċita l-kult.

Diġà aħna, meta qed nitkellmu fuq l-1921, ċertament li l-Knisja – u anke l-Knisja lokali – kellha f'moħħha mhux biss dak li l-Knisja għaddiet minnu taħt dan it-tip ta' liberaliżmu aggressiv fuq il-kontinent, imma dak li beda jiġri f'ambjenti oħra bl-iżvilupp tal-konsegwenzi tal-Komuniżmu prattiku. "Soċjetà perfetta", kif għidt, hija dik li tqis lilha nnifisha li għandha fiha dak kollu li hu neċessarju biex tilħaq l-iskop tagħha. Fil-kuntest tal-konsiderazzjoni tagħna llum, tajjeb nifhmu li dan il-mudell serva lill-Knisja tajjeb bħala strument ġuridiku biex tiddefendi d-drittijiet tagħha fir-relazzjoni mas-"soċjetà perfetta" l-oħra, l-Istat. Kif jixhdu d-dibattiti fl-Assemblea Nazzjonali, fil-każ ta' Malta l-pożizzjoni tal-Knisja fis-soċjetà ġiet imsaħħa. L-argument tagħhom kienu qed isaħħuh anki fuq bażi oħra: l-argument mit-tradizzjoni. Il-fatt li l-Maltin kienu Kattoliċi, isostnu dawn, sa minn żmien San Pawl, u għalhekk dak li hu kostanti fl-istorja tagħna huwa proprju dan il-pedament Kattoliku, li flimkien mal-lingwa jsawru l-identità tagħna – dan l-argument mit-tradizzjoni. Fir-reazzjonijiet, kemm tal-lajċi u kemm tal-kleru, għall-abbozz tal-Kostituzzjoni, naraw insistenza proprju fuq dan: li l-istorja ta' Malta hija inseparabbli mir-reliġjon Kattolika. Il-kwistjoni reliġjuża, għalhekk, ma kinitx kwistjoni oħra li kienu qed jittrattaw, imma kienet il-kwistjoni ta' prinċipju li "fuqha kienet tiddependi kull kwistjoni oħra". L-Ingliżi injoraw il-formola tal-Assemblea Nazzjonali dwar ir-Reliġjon. Kien eżerċizzju ta' nuqqas ta' sensittività min-naħa tagħhom lejn ir-realtà soċjokulturali tal-poplu tagħna.

Tqum weħidha l-mistoqsija: imma f'Malta ggvernata, fl-aħħar mill-aħħar, minn gvern kolonjali, gvern li ma jħaddanx ir-reliġjon Kattolika Rumana imma gvern Protestant, il-Maltin kif kienu jifhmu li kellhom jirrelataw ma' dawk li ma jħaddnux il-fidi tagħhom? Il-Maltin kienu konxji minn dan, mill-bżonn tat-tolleranza. Kif diġà ssemma, dan il-punt diġà ġie ttrattat sa mill-1802, meta fid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet, il-Maltin kienu ħerqana li juru li r-rikonoxximent

legali tar-reliġjon Kattolika xorta seta' jgħix mal-kunċett tat-tolleranza reliġjuża. F'dan il-każ, il-Maltin kienu qed juru moħħ miftuħ verament għaliex lanqas il-Maġisteru tal-Knisja ma kien wasal f'dak il-ftuħ. Dan il-fatt ikomplu dejjem jinsistu fuqu kemm fl-1906, waqt il-polemika tal-Mission Service Case, kif ukoll waqt id-diskussjonijiet fuq l-abbozz tal-Kostituzzjoni tal-1921, liema abbozz qegħdin niflu hawnhekk. Iżda tajjeb nistaqsu, allura, x'kienu qed jifhmu b'tolleranza dawn in-nies? Jekk il-mentalità miftuħa li juru fl-1802 tista' tkun meqjusa bħala waħda ta' ftuħ straordinarju fid-dawl tal-Maġisteru tal-epoka fir-rigward, sal-bidu tas-seklu 20 din il-fehma kienet diġà mżewqa b'numru ta' dikjarazzjonijiet minn diversi Papiet.

B'"tolleranza reliġjuża" l-Maltin ċertament ma ridux jifhmu – u dan iqum ċar fid-dibattiti tal-Assemblea Nazzjonali – indifferenza reliġjuża kif imħaddna minn filosofi bħal John Locke. Jidher ċar, mill-interventi tal-Kapitlu tal-Katidral waqt id-dibattitu, li t-tolleranza ma kinitx tfisser aċċettazzjoni sempliċi tad-dritt tal-libertà tal-kult u l-kuxjenza. Għalhekk, kienet tolleranza kwalifikata. Dak li jfissru b'tolleranza kien limitat għal "tolleranza soċjali" kif mifhum minn Ljun XIII fl-Enċiklika tiegħu dwar il-Kostituzzjoni Nisranija tal-Istat Immortale Dei, li ħarġet fl-aħħar tas-seklu 19. X'jgħid il-Papa? Dan id-dibattitu li kienu qed jimxu fuqu ried jiġi inkwadrat f'dak li qed jgħid il-Maġisteru:

*Anqas hemm ebda raġuni għala xi ħadd għandu jakkuża lill-Knisja b'nuqqas ta' ħlewwa f'azzjoni jew ftuħ ta' ideat, jew li topponi libertà reali u legali. Il-Knisja, fil-fatt, tqis illegali li tpoġġi diversi forom ta' kult divin fuq l-istess livell mar-reliġjon vera, iżda fuq hekk ma tikkundannax lil dawk il-mexxejja li, biex jassiguraw ġid akbar jew biex jilqgħu kontra xi ħażen kbir, ikollhom iħallu bil-paċenzja kollha drawwiet jew użi li jippermettu lil kull tip ta' reliġjon xi forma ta' eżistenza legali fl-Istat. U, fil-fatt, il-Knisja tieħu bis-serjetà l-fatt li ħadd ma jista' jiġi sfurzat iħaddan il-fidi Kattolika kontra r-rieda tiegħu għax, bħalma b'għaqal ifakkarna Santu Wistin, "il-Bniedem ma jistax jemmen jekk mhux bir-rieda libera tiegħu nnifsu".*

Hu f'dan il-qafas, għalhekk, li l-Assemblea Nazzjonali riedet tinkludi fil-Kostituzzjoni dikjarazzjoni li r-reliġjon Kattolika Rumana hija r-reliġjon ta' Malta. Dan joħroġ, tal-inqas indirettament, meta l-Assemblea ltaqgħet biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-abbozz tal-Kostituzzjoni mfassal mill-Ingliżi. Hekk kif imfassla, kif ippreżentawha l-Ingliżi, kien hemm is-segwenti klawżola 56 biss li tittratta r-reliġjon, l-artiklu speċifikament fuq it-tolleranza reliġjuża, li kien:

a) jasserixxi li kulħadd kellu d-dritt għal-libertà sħiħa tal-kuxjenza u għall-eżerċizzju liberu tal-kult rispettiv tiegħu.
b) jipprojbixxi diskriminazzjoni reliġjuża fir-rigward ta' kull uffiċċju pubbliku.

F'kelma waħda, l-intenzjoni tal-Gvern Kolonjali baqgħet regolata biss minn dak li kien diġà asserixxa fl-1906 wara l-Mission Service Case.
L-Assemblea Nazzjonali, wara li reġgħet ipproponiet li tinkludi, din id-darba b'titlu fis-sezzjoni

dwar ir-reliġjon, klawżola dikjarattiva li tasserixxi li dik Kattolika Rumana hija r-reliġjon ta' Malta, qablet ukoll li tipproponi riformulazzjoni tal-klawżola fuq id-drittijiet kemm tal-libertà tal-kuxjenza u tal-kult kif ukoll tat-trattament ugwali ta' kull ċittadin fir-rigward tar-reliġjon.

Naturalment, it-tali proposta saret fid-dawl tal-Maġisteru, kif diġà spjegajt, u għalhekk kienet tiggarantixxi li jidher b'mod ċar li r-reliġjon Kattolika Rumana ma kinitx qed tkun imqiegħda fuq l-istess livell ta' kulti oħra. Intant, id-dritt tal-Kattoliċi li jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom, kemm jekk individwalment u anki kollettivament, fil-privat u fil-pubbliku, kien meħud bħala evidenti jew li jirriżulta b'mod ċar mid-dikjarazzjoni kostituzzjonali li r-reliġjon Kattolika hija r-reliġjon ta' Malta. Dan iħalli spazju biex min mhux Kattoliku naturalment ikun jista' jipprattika b'libertà r-reliġjon tiegħu. Għal darb'oħra l-*mens* huwa dak tal-Maġisteru: il-Kattoliċi jgawdu l-libertà reliġjuża sħiħa, u l-oħrajn kienu se jgawdu biss it-tolleranza. Naturalment, dan qed ninkwadrawh fl-istorja. Forsi llum wieħed jgħid: "Dan x'qed jgħid?". Ma nistgħux nieħdu pożizzjoni anakronistika. Dan qed ninkwadrawh fl-iżvilupp storiku ta' dak iż-żmien, qed ngħidu x'kienet is-sitwazzjoni ta' dak iż-żmien.

Kif mistenni, il-Gvern Kolonjali żamm mal-pożizzjoni tiegħu, ma aċċetta xejn minn dan, ċaħad il-proposta tal-Maltin li jintroduċu klawżola ġdida li tirrikonoxxi l-istatus speċjali, storiku u soċjali (huma kienu qed jagħmlu dikjarazzjoni fuq dak li kien storikament validu u soċjalment reali. Il-Maltin, fil-maġġoranza assoluta, kienu Kattoliċi) kif ukoll li jemenda l-klawżola mressqa mill-Gvern Kolonjali dwar il-libertà tal-kuxjenza u l-kult u d-diskriminazzjoni reliġjuża. Is-Segretarju tal-Istat saħaq li l-Kostituzzjoni ma kinitx id-dokument xieraq li fih tiġi ddikjarata r-reliġjon tal-pajjiż. Il-Kostituzzjoni kienet hemm biss biex issawwar il-qafas essenzjali ta' gvern awtonomu, għalhekk li timponi biss fuq il-Parlament Malti dawk il-limiti li kienu verament meħtieġa fiċ-ċirkustanzi partikulari. Il-Parlament, naturalment, kien ħieles imbagħad li jgħaddi kwalunkwe liġi li jħoss li hi neċessarja biex jissalvagwardja anki d-drittijiet tal-Knisja fis-soċjetà Maltija.

L-Isqfijiet Maltin intervjenew numru ta' drabi fid-dibattitu, anke permezz tal-ekkleżjastiċi preżenti fl-Assemblea, imma fl-aħħar imbagħad ħarġu żewġ ittri pastorali fil-kuntest ta' dak kollu li spjegajt. Fl-ewwel waħda, fl-okkażjoni tal-għoti ta' din il-Kostituzzjoni, ilmentaw li din mhix immarkata bis-salib tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu, jiġifieri li x-xewqa tal-Maltin li r-reliġjon tissemma b'mod evidenti, li r-reliġjon Kattolika hija r-reliġjon ta' Malta, ma kinitx ġiet milqugħa. Hawn Caruana jieħu festa reliġjuża, il-Pentekoste, biex jesprimi b'mod ċar l-inkwiet tal-Isqfijiet li l-Ingliżi kienu injoraw ix-xewqa tal-Maltin. Turi wkoll ma' min kienet il-vera fedeltà tiegħu; mhux se nidħol fl-istorja tal-Isqof Caruana. F'din l-ittra nieħdu togħma ta' dak li kien se jikkaratterizza r-relazzjoni tormentata bejn Knisja u Stat fis-snin segwenti, liema kunflitt ma' Strickland kellu jimmarka għal dejjem ir-ruħ tal-Kattoliċiżmu Malti u anki t-twelid ta' nazzjon indipendenti.

Fit-tieni ittra, fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Parlament f'Ottubru, imbagħad, l-Isqof Caruana, f'toni patrijottiċi u apoloġetiċi, ifakkar lill-Maltin biex jagħrfu l-għeruq Kattoliċi li sawru l-identità tagħhom, li jagħmluhom Maltin; li, fil-fatt, dak li kien jiddistingwihom minn popli oħra kienet il-fidi

tagħhom. Din l-ittra kienet intenzjonata biex tindirizza lid-deputati, issa eletti, u dan wassal liż-żewġ kmamar tal-Parlament, kif nafu, jgħaddu l-ewwel Att, l-Att dwar ir-Reliġjon ta' Malta. Permezz tiegħu, bħal li kieku 'għammdu' l-Kostituzzjoni. Finalment, il-formulazzjoni aċċettata kienet dik oriġinarjament proposta mill-Mons. Panzavecchia, formula li, kif esprima tajjeb l-Arċisqof fil-pubblikazzjoni tiegħu, żammet sħiħ waqt il-bidliet kostituzzjonali kollha minn dak iż-żmien s'hawn.

Id-dikjarazzjoni dwar ir-reliġjon baqgħet l-istess f'kull kostituzzjoni li l-Ingliżi tawna bejn l-1921 u l-1964. Kienet biss fil-kuntest tal-Indipendenza li, bit-trattattivi bejn il-Gvern Ingliż u s-Santa Sede, fl-Artiklu 2, imbagħad, għandna dik id-dikjarazzjoni fil-Kostituzzjoni li tinkludi għall-ewwel darba x-xewqa li l-Maltin kellhom fl-1921, jiġifieri tiddikjara li:

1. Ir-reliġjon ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana.

2. L-Istat jiggarantixxi lill-Knisja Kattolika Appostolika d-dritt li teżerċita liberament il-funzjonijiet u d-dmirijiet spiritwali u ekkleżjastiċi tagħha u li tmexxi l-affarijiet tagħha.

Bejn dawn iż-żewġ Kostituzzjonijiet, il-pożizzjoni tal-Knisja fis-soċjetà Maltija kienet inbidlet. Konna għaddejna, tal-inqas, minn żewġ konflitti politiċi reliġjużi. Issa r-relazzjoni u l-post tal-Knisja mal-Istat kienet inbidlet ukoll. Ir-reliġjon Kattolika ma kinitx għadha l-prinċipju unittiv li jgħaqqad l-elementi kollha tal-identità nazzjonali. Il-kwistjoni issa kienet kif wieħed kien se jiddetermina, f'dan il-kuntest mibdul ta' Stat Indipendenti, ir-relazzjoni bejn Knisja u Stat. U fuq dan ingħad ħafna.

Fil-linja mal-bidla fil-Maġisteru, kif definit proprju f'dawk ix-xhur fil-Konċilju Vatikan II, dwar il-Knisja kif tagħraf hi stess lilha nnifisha, l-insistenza fil-Kostituzzjoni tal-Indipendenza hi waħda li tiggarantixxi l-libertà sħiħa lill-Knisja biex tmexxi lilha nnifisha u ħwejjiġha. Din hi l-kwistjoni tal-libertas ecclesiae, li tiddefinixxi l-istorja kollha tal-Knisja. Din il-garanzija kostituzzjonali, mixtieqa mill-kleru sa mid-dibattiti tal-1921, imma li f'dak il-mument kienet meqjusa mill-partijiet lajkali bħala superfluwa, issa saret neċessarja; li l-Knisja jkollha garanzija kostituzzjonali li tissalvagwardja li hi jkollha l-libertà li taqdi l-għan tagħha. Il-Kostituzzjoni tal-Indipendenza rrikonoxxiet ir-reliġjon Kattolika Rumana bħala r-reliġjon ta' Malta,

iggarantiet l-awtonomija meħtieġa lill-Knisja Kattolika Rumana biex teżerċita r-rwol tagħha fis-soċjetà, kif ukoll affermat id-dritt tal-libertà sħiħa tal-kuxjenza u tal-kult u pprojbiet kull diskriminazzjoni reliġjuża. B'hekk iggarantiet b'mod partikolari lill-Knisja l-libertà biex taqdi l-missjoni tagħha, mingħajr ebda biża' ta' ndħil u ta' tfixkil minn ħadd, partikolarment ukoll mill-Istat. Iż-żmien kellu juri kemm dawn il-garanziji huma verament meħtieġa.

Grazzi.